IL-PARLAMENT EWROPEW

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI TAL-UNJONI

DIPARTIMENT GĦALL-POLITIKI B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

KULTURA U EDUKAZZJONI

IR-"RATA FISSA TAL-KONTENUT": SOLUZZJONI GĦALL-KONDIVIŻJONI TAL-FAJLS ILLEGALI?

SINTESI EŻEKUTTIVA

Astratt

Dan l-istudju jeżamina l-fattibilità, kemm minn perspettiva politika kif ukoll minn dik ekonomika, tal-istabbiliment ta' rata fissa tal-kontenut għad-detenturi tad-drittijiet biex il-konsumaturi jiġu pprovduti bil-possibilità li l-P2P isir b'mod legali. Għal dan l-għan, l-istudju jipprovdi analiżi dwar l-iżvilupp tas-swieq għall-prodotti u s-servizzi ta' divertiment awdjoviżivi u tal-mużika f'dawn l-aħħar 10 snin u informazzjoni dwar ix-xejriet tal-piraterija onlajn. Dan jippreżenta l-objettivi ewlenin ta' approċċ ta' rata fissa tal-kontenut kif ukoll ta' rata fissa tal-kontenut u xenarji alternattivi.

IP/B/CULT/FWC/2010-001//Lot3/C3/SC1 Lulju 2011

PE 460.058 MT

Dan id-dokument intalab Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew.

AWTURI

Media Consulting Group
Is-Sur Alain Modot
Is-Sra Héloïse Fontanel
Is-Sur Nic Garnett
Is-Sur Erik Lambert
Is-Sur André Chaubeau
Is-Sur Jérôme Chung
Is-Sur Pierre Jalladeau

AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Is-Sra Ana Maria NOGUEIRA
Id-Dipartiment tal-Linji Politiċi B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Il-Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
Indirizz elettroniku: ipoldepb@europarl.europa.eu

ASSISTENZA EDITORJALI

Is-Sra Lyna Pärt

VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Oriġinali: EN
Traduzzjoni: BG, CS, DA, DE, EL, ES, ET, FI, FR, HU, IT, LT, LV, NL, PL, PT, RO, SK, SL, SV

DWAR L-EDITUR

Biex tikkuntattja d-Dipartiment tal-Politiki B jew biex tabbona fl-ittra ta' informazzjoni li toħroġ ta' kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Lulju 2011.
Brussell, © il-Parlament Ewropew, 2011.

Dan id-dokument huwa disponibbli fl-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/studies

KLAWSOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABILITÀ

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità biss tal-awtur u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET

ARPU Dħul medju minn kull utent

AV Awdjoviżiv

BT British Telecom

CRM Immaniġġjar tad-Drittijiet Kollettivi

CRMO Organizzazzjoni tal-Immaniġġjar tad-Drittijiet Kollettivi

DDL Tniżżil Dirett

DRM Amministrazzjoni ta' Drittijiet Diġitali

DTT Televiżjoni diġitali terrestri

UE Unjoni Ewropea

FTP Protokoll għat-Trażmissjoni tal-Fajls

HADOPI Haute Autorité pour la diffusion des œuvres et la protection des droits sur internet

IPAP Fornitur tal-Indirizz tal-Protokoll tal-Internet

IPRED Direttiva dwar l-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali

IP TV TV tal-Protokoll tal-Internet

ISP Fornitur tas-Servizz tal-Internet

LPs Albums ta' diski *long play*

MG Garanziji minimi

MIDEM Marché International du Disque et de l'Edition Musicale

NMPA Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Pubblikaturi tal-Mużika

P2P Peer to Peer

PC Kompjuter Personali

PSB Xandar mis-Servizz Pubbliku

ROI Dħul mill-Investimenti

VOD Vidjow b'Rikjesta

SACEM Société des Auteurs, Compositeurs et Editeurs de musique

STIM Svenska Tonsättares Internationella Musikbyrå

SVOD Abbonament għal Vidjow b'Rikjesta

TRIPs Ftehima dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali.

TVoIP Il-Protokoll tat-Televiżjoni fuq l-Internet

UGC Kontenut Iġġenerat mill-Utenti

VHS Sistema tad-Dar tal-Vidjow

WTC Trattat tal-WIPO dwar id-drittijiet tal-awtur

WIPO Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali

WPPT It-Trattat tal-WIPO dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi

WTO L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

SINTESI EŻEKUTTIVA

Dan l-istudju huwa r-risposta għax-xewqa espressa mill-Kumitat għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Parlament Ewropew li jiġi infurmat dwar kif rata fissa tal-kontenut tista', kemm minn perspettiva politika kif ukoll minn dik ekonomika, tiġi implimentata fil-prattika fl-ambjent tal-kondiviżjoni ta' fajls.

Dan l-istudju jipprovdi informazzjoni u analiżi dwar is-suġġetti li ġejjin: l-iżvilupp tas-swieq għall-prodotti u s-servizzi ta' divertiment awdjoviżivi u tal-mużika fl-aħħar 10 snin; ix-xejriet u l-fenomeni tal-piraterija onlajn; l-objettivi ewlenin ta' approċċ ta' rata fissa tal-kontenut; is-sistema ta' rata fissa tal-kontenut u x-xenarji alternattivi għall-implimentazzjoni tagħha.

Is-sistema ta' rata fissa hija opportunità għad-detenturi tad-drittijiet biex jipprovdu lill-konsumaturi bil-possibilità li jipparteċipaw fil-kondiviżjoni legali tal-fajls P2P, li ġiet implimentata permezz tal-liċenzjar kollettiv estiż għall-attivitajiet li mhumiex koperti minn ftehimiet tranżazzjonali. Is-sistema ta' rata fissa tal-kontenut, li tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju għat-tniżżil ta' kontenut minn netwerk P2P (jiġifieri d-dritt ta' riproduzzjoni u d-dritt ta' disponibilità li huwa limitat ħafna[1]), miġbura mill-forniturі tas-servizz tal-Internet (ISPs) u distribwiti mill-ġdid minn soċjetà kollettriċi pan-Ewropea *ad hoc*, tista' tkun soluzzjoni rilevanti biex jiġi ġġenerat il-valur fis-suq legali u biex jitnaqqsu l-attrazzjoni u l-kobor tal-piraterija.

Ħarsa ġenerali lejn l-industrija tal-mużika

Sa mill-bidu tagħha, il-liġi tad-drittijiet tal-awtur kienet kontinwament tipprova tlaħħaq mat-tibdil teknoloġiku. Is-sistemi ta' ħlas għal kopja privata fl-Ewropa ġew estiżi biex jinkludu l-parti l-kbira tal-attività ta' riproduzzjoni u l-kapaċità ta' ħżin tal-konsumaturi.

L-industrija tal-mużika hija industrija kumplessa li testendi diversi mezzi differenti minn xulxin iżda li xorta waħda jkunu interrelatati. Dawn jinkludu prestazzjonijiet lajv, irrekordjar, xandir u forom oħra ta' dak li tradizzjonalment kien magħruf bħala sfruttament sekondarju.

Il-liġi tad-drittijiet tal-awtur tipprovdi l-qafas legali u ekonomiku bażiku li fih topera l-industrija tal-mużika. Hija tagħti lid-detenturi tad-drittijiet id-drittijiet esklużivi biex dawn jikkontrollaw ċerti forom ta' sfruttament tax-xogħlijiet tagħhom.

Fejn jeżistu dawn id-drittijiet esklużivi, prestazzjoni ta' att fl-ambitu tad-dritt mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet hija ksur li għalih jistgħu jittieħdu passi legali bħala dannu ċivili jew bħala reat kriminali jew inkella t-tnejn li huma.

Ħarsa ġenerali lejn l-industrija taċ-ċinema u dik awdjoviżiva

Għall-kuntrarju tal-mużika, is-settur awdjoviżiv u dak taċ-ċinema rnexxew u kibru b'rata stabbli fl-aħħar 20 sena, abbażi tal-okkorrenzi storiċi.

Iċ-ċinema Ewropea sfruttat dan is-suq b'modi ta' distribuzzjoni ġodda u bi strutturi ta' finanzjament ġodda. Il-finanzjament żdied bil-fondi pubbliċi kif ġie indikat minn għadd konsiderevoli ta' għajnuniet statali (Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali), għajnuniet ta'

[1] Bid-dritt li l-pubbliku jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu suġġett ieħor imsemmi fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, tat-22 ta' Mejju 2001, wieħed għandu jifhem li dan id-dritt ikopri l-atti kollha biex tali xogħlijiet jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-membri tal-pubbliku li ma jkunux preżenti fil-post li fih jitpoġġew għad-dispożizzjoni, u mhux bħala li jkopri kwalunkwe att ieħor.

kull tip u l-fondi speċjalizzati (skemi tal-kreditu tat-taxxa, fondi tal-kapital, reġistri tal-flus dovuti u oħrajn).

Għad-distribuzzjoni tal-kontenut awdjoviżiv, il-katina tal-valur tibda bil-produzzjoni tal-kontenut jew bil-kisba tad-drittijiet u ssegwi bil-bejgħ lill-pubbliku.

It-tqegħid fis-suq tal-programmi awdjoviżivi u taċ-ċinema jeħtieġ l-iżvilupp ta' relazzjonijiet kuntrattwali u ekonomiċi bejn it-tipi differenti ta' atturi, li jistgħu jinġabru f'sitt kategoriji identifikati: id-detenturi tad-drittijiet u l-forituri tal-kontenut, l-aggregaturi tal-kontenut, l-operaturi tal-pjattaformi u s-servizzi tal-VoD, id-distributuri tas-servizzi tal-pjattaformi, il-manifatturi tal-elettronika tal-konsumatur u l-utenti finali (konsumaturi).

Id-distribuzzjoni permezz tan-netwerks diġitali neħħiet din il-linearità u issa l-atturi kollha għandhom aċċess dirett għall-pubbliku (inklużi l-artisti nnifishom).

Filwaqt li d-distribuzzjoni diġitali tiffaċilita t-tixrid aktar faċli għall-benefiċċju tal-konsumatur (it-teorija "*long tail*"), għalissa xorta waħda għad hemm diffikultà biex din tinbidel f'bejgħ (anki lil hinn mill-impatt tad-distribuzzjoni illegali).

L-iżvilupp tal-piraterija: l-impatti u x-xejriet riċenti

Ironikament, il-piraterija fiżika qed tonqos f'ħafna swieq minħabba l-inċidenza li qed tikber tal-piraterija onlajn: il-konsumaturi m'għadx għandhom bżonn iħallsu għall-ebda prodott fiżiku jekk jistgħu jsibu dak li jridu b'xejn fuq l-internet.

Ir-risposta tal-industrija tal-irrekordjar għaż-żieda fil-piraterija onlajn kienet mifruxa fuq diversi livelli: minn leġiżlazzjoni msaħħa għat-tekonoloġiji rilevanti għall-immaniġġjar tad-drittijiet tagħha fl-irrekordjar li tipproduċi. Dawn it-tekonoloġiji jinkludu t-teknoloġija tal-amministrazzjoni ta' drittijiet diġitali (DRM) u forom oħra ta' teknoloġiji assoċjati mas-sistemi tal-amministrazzjoni ta' drittijiet bħal pereżempju t-teħid tal-marki tas-swaba' u t-teknoloġiji tal-*watermarking*.

Fis-settur awdjoviżiv, il-maġġoranza tal-modi l-ġodda kif jista' jinkiseb il-kontenut tintuża għal skopijiet mhux awtorizzati. Il-firxa ta' għażliet għall-użu mhux awtorizzat li ġabet magħha r-rivoluzzjoni diġitali għad-distribuzzjoni tal-kontenut kreattiv - aktar minn kwalunkwe ħaġa oħra - tispjega għalfejn huwa diffiċli li t-tnaqqis drammatiku fid-dħul jiġi attribwit għal fattur wieħed jew għal għadd limitat ta' fatturi.

Fl-aħħar għaxar snin, saru bosta studji biex jiġu eżaminati n-natura u l-impatt tal-piraterija onlajn. Ħafna drabi tali studji huma sempliċement eżerċizzji fil-ġbir tal-evidenza bbażat fuq il-politika. L-unika dejta ċerta hija li d-dħul tal-industrija tal-irrekordjar qed jonqos, u li l-bejgħ tad-DVDs qed jiddgħajjef jew jonqos. Ċertezza oħra hija li l-użu ta' netwerks peer-to-peer[2], ta' siti tat-tniżżil dirett, eċċ. huwa estensiv u qed jiżdied, u dan jinvolvi persentaġġ għoli tal-utenti tal-Internet, u li l-Internet qed jintuża biex jiġi aċċessat kontenut bi drittijiet tal-awtur mingħajr l-ebda rimunerazzjoni għad-detenturi tad-drittijiet.

Iżda l-koeżistenza ta' din id-dejta ma tikkostitwixxix neċessarjament prova inkonfutabbli ta' kawżalità.

[2] In-netwerks P2P (peer to peer) (okkażjonalment imsejħa "forum" jew "netwerk soċjali") huma websajt speċjalizzata li topera bħala "klabb" virtwali fejn il-membri jkunu jistgħu jikkomunikaw f'ħin reali u jiskambjaw messaġġi. Bosta minn dawk in-netwerks huma postijiet fejn il-konsumaturi individwali jiskambjaw bejniethom xogħlijiet, mużika, films jew siltiet minn films, kotba jew artikli, li jkunu protetti, f'format elettroniku; tali klabbs jista' jkollhom elufi ta' membri: probabbilment, l-aktar wieħed famuż huwa Facebook li għandu miljuni ta' membri madwar id-dinja. Tali netwerks ta' spiss joffru listi indiċjati ta' xogħlijiet li jistgħu jinstabu jekk wieħed jiftaħ il-messaġġi adattati tal-membri.

L-idea ta' "pirata onlajn" ma tibqax daqstant ċara meta wieħed ikompli janalizza d-dettalji, u n-numri globali u aggregati jibdew jitilfu xi ftit mill-impatt tagħhom. Madankollu, fl-industrija tal-films u tal-mużika, huwa importanti li wieħed ikun jista' jiddistingwi ż-żewġ kategoriji ewlenin ta' pirati: il-pirati li huma bejn wieħed u ieħor organizzati bl-għan li jagħmlu l-flus permezz tal-promozzjoni u/jew l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni tal-kopji mhux awtorizzati għall-profitt, u l-pirati l-oħra li qed iniżżlu kanzunetti u/jew films u serjejiet minn websajts illegali (mużika u ċinema) għall-użu personali tagħhom.

Il-miżuri u l-mekkaniżmi legali ewlenin kontra l-piraterija

Bosta approċċi leġiżlattivi differenti ġew adottati minn gvernijiet differenti biex jittrattaw il-piraterija onlajn.

Id-detenturi tad-drittijiet ħeġġew b'suċċess l-introduzzjoni ta' liġijiet ta' rispons gradwat f'għadd ta' ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja: it-Tajwan, Franza (il-liġi Hadopi), ir-Renju Unit (l-Att tal-Ekonomija Diġitali 2010), il-Korea t'Isfel u n-New Zealand.

Qed jiġu segwiti mezzi leġiżlattivi oħra, pereżempju fl-Italja, fejn il-gvern stabbilixxa li l-ksur tad-drittijiet tal-awtur huwa reat kriminali, liema ksur iseħħ jekk ix-xogħlijiet protetti fin-netwerks tal-kompjuter jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mingħajr permess ("decreto Urbani") u fi Spanja (il-Liġi Sinde) fejn il-liġi hija diretta lejn l-intermedjarji u mhux lejn l-utenti.

Billi l-parti l-kbira ta' dawn il-miżuri huma reċenti, għadu kmieni wisq biex wieħed jikkonkludi jekk approċċ partikolari huwiex aħjar mill-ieħor.

Il-kunsiderazzjonijiet ewlenin għal rata fissa tal-kontenut

Id-diversità tal-partijiet interessati tikkaratterizza d-dinja diġitali kemm fis-settur awdjoviżiv kif ukoll f'dak tal-mużika. Il-kwantità kbira tal-modi possibbli ta' distribuzzjoni żiedet b'mod sinifikanti l-ammont tal-partijiet interessati – mill-oriġinaturi sal-aggregaturi. Fl-istess ħin, l-operaturi tat-telekomunikazzjoni u, aktar reċentement, il-manifatturi tat-tagħmir involuti permezz tal-Connected TV żviluppaw strateġiji għall-integrazzjoni u l-penetrazzjoni tas-suq. Jekk il-kontenut huwa r-re aktar minn qatt qabel, bil-kontroll tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tal-firxa ta' prodotti, il-katina tal-valur tradizzjonali qed tilqa' atturi ġodda li jikkompetu għal sehemhom mill-valur. L-organizzazzjoni tradizzjonali tal-isfruttament tinsab f'riskju li tikkollassa minħabba l-wasla tal-*broadband* b'veloċità għolja, tad-diġitali u d-distribuzzjoni tad-diġitali jew id-distribuzzjoni tal-appoġġi u l-mezzi kollha . Barra minn dawn il-partijiet interessati tradizzjonali, illum il-ġurnata l-konsumaturi, permezz ta' sottotitoli magħmula mill-ammiraturi, il-P2P, il-kondiviżjoni fin-netwerks soċjali u l-istrimjar, jinfluwenza l-istrateġiji tal-isfruttament permezz ta' kull kategorija tad-drittijiet, aċċessi (windows) u territorji.

L-impatt ekonomiku tad-diġitizzazzjoni u tal-Internet fuq il-ħolqien tal-valur mhuwiex l-istess fir-rigward tal-industrija tal-mużika u dik awdjoviżiva: il-konsegwenzi u l-effetti f'termini tal-istrutturar u l-organizzazzjoni tas-suq ivarjaw minn settur għall-ieħor.

B'riżultat ta' dan, l-istabbiliment ta' kwalunkwe sistema ta' rata fissa tal-kontenut għandu jieħu inkunsiderazzjoni d-diversi interessi.

Ir-rata fissa tal-kontenut u xenarji oħra

L-objettiv ekonomiku tas-sistema ta' rata fissa tal-kontenut huwa li jkun hemm effett mifrux fis-suq sabiex id-detenturi tad-drittijiet jiġu konvinti li s-sistema hija utli. Minn din il-perspettiva, sistema li tagħti lis-settur fluss ta' dħul bejn wieħed u ieħor ugwali għal dak li joffru l-VoD u l-ikkupjar privat fis-suq attwali (pereżempju EUR 56 miljun u EUR 28 miljun

rispettivament fis-suq ta' Franza) issaħħaħ il-kredibilità tagħha minħabba li tikkumplimenta l-offerti primjum li huma essenzjali għall-ekonomija tas-settur.

L-objettiv soċjali u politiku huwa li l-utenti tal-Internet jingħataw l-opportunità li jibqgħu fl-ambitu legali tal-liġi meta jkunu qed iniżżlu b'mod privat u meta jkunu qed jikkondividu l-fajls P2P, sabiex jinġibdu kemm jista' jkun utenti. Is-sistema ta' rata fissa tal-kontenut għalhekk tillegalizza l-P2P l-ewwel u qabel kollox b'xogħlijiet li nkisbu b'mod legali.

L-istabbiliment ta' prezz għal sistema ta' rata fissa tal-kontenut għandu jissodisfa sfida maqsuma fi tlieta: għandu jappoġġja l-kondiviżjoni tal-fajls P2P filwaqt li jnaqqas il-piraterija; għandu jirrappreżenta estensjoni tal-offerti legali; u għandu jgawdi mill-koperazzjoni tal-ISPs.

Bl-istess mod, il-mekkaniżmu tal-għoti tal-prezzijiet użat għandu jissodisfa għadd ta' kriterji u jevita diversi żvantaġġi magħrufa: li jiġi ffissat il-prezz it-tajjeb, li ma jintesiex il-kunċett tal-prezz mistenni u li wieħed ma jaqtax lilu nnifsu miċ-ċirkwit tal-ġbir tad-dħul (il-forniturі tas-servizz tal-Internet u tan-netwerk għandhom rwol ewlieni).

Għalhekk, l-istudju, fil-kapitolu 4.1.1. tiegħu, jippreżenta l-effetti potenzjali ta' politika tal-prezz għal rata fissa tal-kontenut għal xogħlijiet awdjoviżivi u taċ-ċinema: ipoteżi baxxa ta' EUR 2, ipoteżi għolja ta' EUR 6 u ipoteżi medja ta' EUR 4.99, li hija tqarreb lejn il-prezz simboliku ta' EUR 5.

L-għoti tal-prezzijiet tas-sistema ta' rata fissa tal-kontenut huwa kwistjoni waħda bħalma huwa l-impatt fuq il-mudelli kummerċjali. It-tieni kwistjoni hija r-rata ta' migrazzjoni tal-konsumatur sabiex tiġi stabbilita previżjoni għall-ħolqien jew għat-telf tal-valur globali.

Skont l-ipoteżi żviluppata u ppreżentata fil-kapitolu 4.1 tal-istudju, rata fissa tal-kontenut ta' EUR 4.99, li tħalli aktar qligħ, ikollha l-aktar possibilità li tirnexxi. B'mod partikolari, dan ikun il-każ jekk l-offerta tikkorrispondi għall-possibilità li l-konsumatur juża din ir-rata fissa tal-kontenut biex jiskambja volum tal-kontenut kbir fuq bażi mensili, kif previst f'dan l-istudju, u dan huwa faċilità li milli jidher mhija disponibbli fl-ebda offerta eżistenti tkun xi tkun ir-rata. Fil-fehma tagħna, tali opinjoni għandha mingħajr dubju tkun parti minn kwalunkwe offerta kummerċjali f'termini ta' tniżżil billi issa hija prattika stabbilita fost il-konsumaturi kollha, li draw jikkondividu l-kontenut li jinsab fuq l-Internet. Jista' jkun hemm ishma addizzjonali ta' EUR 1 sa EUR 2 fix-xahar jekk l-utent jaqbeż il-kapaċità tat-tniżżil fl-abbonament bażiku (indipendentement mill-ammont tat-titoli).

Tal-inqas, sistema ta' rata fissa kulturali għandha tkun tista' tilħaq żewġ objettivi tas-soċjetà importanti:

- Li tiġi żgurata rimunerazzjoni ġusta għall-awturi u għall-komunità kreattiva, bi proċedura għad-distribuzzjoni ġusta;
- Li jiġi pprovdut rifuġju għall-utent individwali.

Ma jidhirx li hemm sitwazzjoni li minnha jgawdi kulħadd, u lanqas ma jidher li hemm soluzzjoni li biha l-piż jinqasam b'mod ugwali fuq kulħadd.

Kważi s-soluzzjonijiet proposti kollha (mil-liċenzjar kollettiv fuq bażi volontarja sal-liċenzjar kollettiv obbligatorju u l-liċenzjar kollettiv estiż) jimplikaw ċerta forma ta' organizzazzjoni tal-liċenzjar kollettiv jew komuni biex jinġabar id-dħul u biex dawn jerġgħu jiġu ddistribwiti.

Ix-xenarji kredibbli bħala risposta għall-kwistjoni tal-kondiviżjoni tal-fajls

Hemm żewġ xenarji possibbli: jew ix-xenarju tal-"istatus quo" (il-liġijiet dwar dak li huwa regolari u l-liġijiet kontra l-piraterija) jew ix-xenarju tar-rata fissa tal-kontenut li jġib miegħu żewġ alternattivi: l-introduzzjoni ta' sistema ta' rata fissa tal-kontenut ġenerali li tikkostitwixxi mudell tan-negozju legali ġdid; jew inkella sistema ta' rata fissa tal-kontenut limitata.

Għal diversi raġunijiet, li huma spjegati f'dan l-istudju, sistema ta' rata fissa tal-kontenut ġenerali tirrappreżenta soluzzjoni inaċċettabbli għal bosta atturi[3]. Ir-rata fissa tal-kontenut limitat f'qafas speċifiku politiku u operazzjonali tista' tkun soluzzjoni possibbli.

L-immaniġġjar kollettiv huwa għodda inevitabbli sakemm tiġi kkunsidrata sistema ta' rata fissa tal-kontenut għall-użu mhux kummerċjali onlajn tax-xogħlijiet, ikun xi jkun il-livell ta' kopertura ta' dik is-sistema.

Tista' tiġi implimentata skema bbażata fuq dak li nkiseb b'suċċess permezz tad-direttiva dwar il-cabel u s-satellita[4] għall-kondiviżjoni tal-fajls P2P. Id-Direttiva CabSat ma ħolqotx eżenzjoni jew limitazzjoni ġdida; hija ma imponietx liċenzja obbligatorja. Din illimitat l-eżerċitar tad-drittijiet esklużivi għall-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar tad-drittijiet kollettivi. Għal dawn ir-raġunijiet, din tibqa' kompatibbli mat-trattati internazzjonali. Fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-fajls P2P, id-drittijiet esklużivi, li jawtorizzaw it-tniżżil u l-kondiviżjoni tal-fajls f'ċirkostanzi u limiti speċifiċi ħafna, jingħataw lill-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar tad-drittijiet kollettivi mid-detenturi tad-drittijiet.

Konklużjonijiet: x'għandu jiġi kkunsidrat biex ikun hemm l-iskema tar-rata fissa tal-kontenut?

Sabiex jiġi stabbilit x'jista' jiġi kkunsidrat bħala azzjoni u politika pubbliċi rilevanti fl-industrija tal-mużika, f'dik awdjoviżiva u taċ-ċinema, huwa importanti li wieħed ikun jaf l-objettivi ewlenin tal-politika proposta u d-diversi passi li għandha tieħu sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet u l-għodod kollha kif ukoll il-passi u l-kronoloġija jaslu b'mod loġiku għall-objettiv.

Hemm bżonn li tiġi pprovduta protezzjoni għall-utent finali, fuq il-bażi tal-iffaċilitar ta' fehim ċar ta' liema atti huma awtorizzati legalment u liema mhumiex, u hemm bżonn ukoll li jiġi ffaċilitat il-P2P u n-netwerking soċjali, bil-kundizzjoni li dawn l-attivitajiet jibqgħu jitwettqu għal skopijiet mhux kummerċjali u bil-kundizzjoni li ma jiġux soġġetti għal ftehimiet tranżazzjonali.

Il-liċenzjar kollettiv estiż jew l-eżerċitar tad-drittijiet għandhom jiġu promossi fejn ikun hemm opportunitajiet għal-liċenzjar fuq bażi volontarja u li mhumiex (jew ma jistgħux ikunu) sfruttati mid-detenturi tad-drittijiet individwalment. Dan huwa maħsub li jkabbar is-suq legali b'detriment għall-piraterija.

Is-sistema ta' rata fissa tal-kontenut għandha tiġi limitata għat-tniżżil u għal xi forma ta' tlugħ (li bih il-kontenut jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku) sabiex ikun hemm aċċess

[3] Ara l-Parti 3 tal-istudju u l-Kapitolu 4.3.

[4] Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-kordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet tal-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable.

għan-netwerks P2P (fejn il-protokoll normalment jitlob xi forma ta' tlugħ matul it-tniżżil). Is-sistema se tippermetti l-kondiviżjoni globali tax-xogħlijiet tal-ġabra diġitali tal-utent finali stess u se tillimita kwalunkwe forma ta' kondiviżjoni, permezz ta' netwerks P2P, siti soċjali, ħżin diġitali onlajn, eċċ., għal ċirku privat ta' ħbieb u familja. Bħala eżempju, il-liċenzja estiża tad-dritt ta' disponibilità[5] tista' tiġi limitata għal 50 ħabib tal-qalb, u dan ifisser li l-offerti tal-P2P jew tad-DDL (b'offerti ġodda tal-kontenut) għandhom jiġu permessi biss fiċ-ċirku soċjali ta' persuna (forsi permezz ta' netwerk soċjali).

Is-sistema ta' rata fissa tal-kontenut se tkun tirrikjedi li jiġu stabbiliti limiti fuq il-kapaċità tas-sistema ta' ħżin użata fin-netwerk awtorizzat u fuq il-kwantità ta' fajls kondiviżi irrispettivament mill-protokolli jew mill-applikazzjonijiet użati.

Il-fornituri tas-servizz tal-Internet (ISPs) se jkollhom ir-responsabilità li jinfurmaw lil min jabbona magħhom meta l-kwantità tal-fajls kondiviżi taqbeż l-ammont awtorizzat u mbagħad jimblukkaw il-kondiviżjoni żejda bħalma diġà qed jagħmlu, bħala parti mill-pakketti ta' abbonament attwali għall-Internet u għall-mowbajls.

L-istejtus limitat mhux tas-suq tan-netwerk ta' rata fissa tal-kontenut għandu jiġi infurzat u n-netwerks għandhom jiġu separati minn kwalunkwe netwerk kummerċjali. Għandu jkun hemm komunikazzjoni ċara mal-utenti finali potenzjali dwar l-ambitu tal-attivitajiet li huma permessi fi ħdan in-netwerk ta' rata fissa tal-kontenut. It-termini għandhom jiġu standardizzati fil-livell Ewropew u skont il-kategorija tax-xogħol (u għalhekk m'għandhomx jiġu soġġetti għal approċċ "xogħol wieħed - emittur tal-liċenzji wieħed", jew iddemarkati skont it-territorju tal-liċenzjar jew il-post tan-negozju tad-detentur u/jew l-emittur tal-liċenzji).

It-42 fattur ewlieni tas-suċċess għall-fattibilità ta' rata fissa tal-kontenut

Objettivi:

1. Fejn il-konsumaturi juru li jippreferu jużaw il-kontenut b'mod partikolari u fejn ikun hemm modi li bihom tali użu jkun jista' jiġi liċenzjat fuq bażi kummerċjali vijabbli, id-detenturi tad-drittijiet għandhom ikunu mistennija jagħmlu dan.
2. L-artisti/kreaturi u d-detenturi ta' drittijiet oħra, inklużi l-produtturi għandhom jiġu żgurati li jistgħu jiġu rrimunerati fuq il-bażi tal-eżerċitar volontarju tad-drittijiet esklużivi tagħhom (soġġetti għal numru 1 ta' hawn fuq).
3. Li jiġi assigurat, u jinżamm, bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet fundamentali protetti mis-sistema legali Komunitarja[6].

Bażi ġuridika*:*

4. M'għandhomx jiġu introdotti eċċezzjonijiet u limitazzjoni tad-drittijiet tal-awtur billi dawn jeħtieġu modifiki kbar tar-regoli u l-liġijiet eżistenti (mhux kollha jkunu mill-ewwel kompatibbli mal-istrumenti internazzjonali eżistenti, u għalhekk jistgħu jdumu ftit mhux ħażin biex jiġu implimentati).

---

5 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 1.

6 Kif indikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni dwar il-Kawża C-275/06, "Productores de Música de España (Promusicae) vs Telefónica de España SAU" (Referenza għad-deċiżjoni preliminari mill-Juzgado de lo Mercantil no 5 de Madrid).

5. Għandu jiġi ffavorit il-liċenzjar kollettiv estiż għall-eżerċitar tad-drittijiet fejn ikun xieraq (l-iffaċilitar tal-aċċess aktar faċli għar-repertorji sħaħ), iżda m'għandhomx jiddgħajfu d-drittijiet esklużivi. Fejn il-liċenzjar volontarju jidher li jkun qed jaħdem, f'dak il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda mandat tal-liċenzjar kollettiv; meta jkun hemm opportunitajiet li jirrigwardaw il-liċenzjar fuq bażi volontarja, liema opportunitajiet ma jiġux sfruttati mid-detenturi tad-drittijiet, jista' jkun hemm mekkaniżmi li jippermettu l-isfruttament tal-opportunità b'modi oħra, pereżempju, bħalma ġie implimentat mid-Direttiva CabSat[7].

6. Id-drittijiet ikkunsidrati hawnhekk għandhom jiġu eżerċitati biss permezz ta' soċjetà kollettriċi. Meta d-detentur tad-drittijiet ma jkunx ħalla l-immaniġġjar tad-drittijiet tiegħu f'idejn soċjetà kollettriċi, is-soċjetà kollettriċi li timmaniġġja d-drittijiet tal-istess kategorija għandha tiġi kkunsidrata li ġiet awtorizzata tagħmel dan mid-detentur tad-drittijiet. Meta aktar minn soċjetà kollettriċi waħda timmaniġġja d-drittijiet ta' din il-kategorija, id-detentur tad-drittijiet għandu jkun liberu li jagħżel liema waħda minn dawk is-soċjetajiet hija awtorizzata timmaniġġja d-drittijiet tiegħu. Detentur tad-drittijiet, li jissemma f'dan il-paragrafu, għandu jkollu l-istess drittijiet u obbligi li jirriżultaw mill-ftehim bejn dawk li jingħataw il-liċenzja (l-utenti finali) u s-soċjetà kollettriċi li titqies awtorizzata li timmaniġġja d-drittijiet tiegħu bħad-detenturi tad-drittijiet li jkunu awtorizzaw lil dik is-soċjetà kollettriċi. Id-detentur tad-drittijiet se jkun jista' jikklejmja kwalunkwe intitolament f'perjodu stipulat.

7. Jekk detentur tad-drittijiet jawtorizza t-trażmissjoni inizjali, ir-rappreżentazzjoni jew it-tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' biċċa xogħol fi ħdan l-Unjoni Ewropea, huwa għandu jitqies li jkun għażel li ma jeżerċitax id-drittijiet tiegħu b'rabta mad-drittijiet tal-kondiviżjoni mhux kummerċjali li qed jiġu kkunsidrati fuq bażi individwali minflok ma jeżerċitahom f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq dwar l-immaniġġjar kollettiv.

8. Minkejja dak li ssemma fuq, id-detenturi tad-drittijiet jistgħu jirtiraw mil-liċenzjar kollettiv, bil-kundizzjoni li jippermettu l-liċenzjar tad-drittijiet għall-għan speċifikat flimkien mal-ħruġ tal-liċenzji mis-soċjetà kollettriċi rilevanti.

9. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, jeħtieġ li jkun hemm dispożizzjoni għall-medjazzjoni.

Possibilità ta' prattika:

10. Għandu jkun hemm dispożizzjoni biex wieħed ikun jista' jiddeċiedi li ma jipparteċipax fil-liċenzjar, filwaqt li l-inċentivi biex din tintuża jibqgħu dawn li ġejjin: it-telf tal-aċċess għas-somom li jkunu qed jiġu ddistribwiti, l-ispiża tal-liċenzjar dirett u l-ispiża tal-attività ta' infurzar diretta).

11. Il-kwistjoni tal-isfruttament tal-aċċess (window) għandha tiġi ttrattata bir-reqqa. L-impatt primarju tal-piraterija jseħħ matul l-ewwel xahrejn wara l-ħruġ ta' biċċa xogħol. Fl-istess ħin, id-detenturi tad-drittijiet għandu jkollhom ħin biex jisfruttaw id-drittijiet tagħhom biex jiġi żgurat l-aqwa dħul fuq l-investiment.

---

[7] Ara l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-kordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet ta' l-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable.

12. Il-liċenzjar kollettiv m'għandux jintuża matul perjodu ta' ħruġ inizjali li idealment ikun ta' 4 xhur (xahrejn huwa perjodu qasir wisq). Din il-projbizzjoni tista' tiġi estiża għal massimu ta' 6 xhur - forsi anki 12-il xahar għal xogħlijiet awdjoviżivi. Perjodi iqsar ikunu ħafna aktar aċċettabbli għall-konsumaturi, filwaqt li perjodi itwal jista' jkollhom riżultat bil-maqlub ta' dak mixtieq. It-tul preċiż tal-perjodu għandu jiġi speċifikat wara konsultazzjoni xierqa mad-detenturi tad-drittijiet, li hija essenzjali għan-negozji tal-films u tal-mużika. Dan ikollu wkoll l-effett li joħloq l-isfruttament tal-aċċess eskluživ u speċifiku għas-servizzi kummerċjali l-ġodda. Id-diffikultajiet għad-detenturi tad-drittijiet ta' perjodu qasir ta' esklužività huma mifhuma sew, iżda għandu jkun hemm bilanċ bejn l-imġiba u l-aspettattivi tal-konsumatur.

13. Il-liċenzjar kollettiv u estiż tal-kondiviżjoni tal-fajls P2P jinkludi d-drittijiet tal-komunikazzjoni lill-pubbliku/ta' disponibilità[8] li huma involuti fit-tniżżil. Dan għandu jiġi estiż ukoll għall-atti ta' tlugħ limitat involuti fil-kondiviżjoni tad-drittijiet tat-tlugħ limitati iżda mhux għat-tlugħ ta' xogħlijiet biex jinħażnu fil-ħżin diġitali onlajn jew biex jiġu żviluppati netwerks tal-P2P bil-kontenut b'xi mod ieħor. Dawn l-attivitajiet li ssemmew l-aħħar għandhom jinħarġulhom liċenzji f'termini kummerċjali normali biss - tal-anqas għal xogħlijiet li jkunu għadhom kif ħarġu.

14. Id-drittijiet u l-obbligi tal-utenti għandhom ikunu ċari u konsistenti.

15. L-intermedjarji tal-Internet (ISP) m'għandhomx bżonn ikunu emitturi tal-liċenzji tal-utenti finali tagħhom, iżda se joffru l-liċenzja lill-utent finali u se jiġbru r-rata fissa tal-kontenut għal dak li fil-fatt joħroġ il-liċenzja, billi huma l-Organizzazzjonijiet tal-Immaniġġjar tad-Drittijiet Kollettivi.

16. Se jkun hemm bżonn ta' xi forma ta' kollaborazzjoni dwar l-infurzar, permezz tal-ISPs u intermedjarji tal-Internet oħra. La għandu jkun hemm u lanqas jista' jkun hemm xi obbligu ġenerali li jissorvelja l-kontenut. L-għodod tal-immaniġġjar tat-traffiku tan-netwerk normali jistgħu jkunu biżżejjed biex juru attività straordinarja, u ovvjament il-klawżoli ta' rifuġju (safe haven clauses) għandhom ikunu marbuta mar-rispons dovut li jingħata meta jinħareġ avviż tal-ksur (pereżempju għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari x-xogħlijiet li jkunu għadhom kif ħarġu).

Speċifiċità:

17. L-abbonament għall-offerta tar-rata fissa tal-kontenut jinbiegħ lill-utenti finali individwali mill-ISPs.

18. Il-kondiviżjoni tal-fajls għandha tkun limitata għal ċiklu privat ta' "ħbieb u familjari". Pereżempju, il-liċenzja għad-dritt tal-komunikazzjoni/tad-disponibilità[9] (minbarra s-siltiet qosra ħafna) se tkun limitata għal 50 ħabib (numru kbir biżżejjed iżda ristrett), u dan ifisser li offerta tal-P2P jew tad-DDL awtorizzata tista' tiġi permessa biss f'netwerks soċjali speċifiċi biss.

19. Is-sistema ta' rata fissa tal-kontenut limitat se tippermetti lill-konsumaturi jikkondividu xogħolhom fin-netwerks P2P bl-istess mod li bih seta' jsir l-ikkupjar privat tal-portaturi tal-VHS fiċ-ċirku tal-familja.

---

[8] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 1.

[9] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 1.

20. It-tniżżil għandu jsir biss minn siti ta' ħżin diġitali onlajn awtorizzati għalkollox, li jużaw sorsi legali. Sabiex is-sistema tiġi mmaniġġjata tajjeb, ix-xogħol grafiku kollu għandu jiġi mmarkat (jew inkella identifikat b'mod uffiċjali).

21. Sabiex il-mekkaniżmu jsir aktar rilevanti, ir-"regoli tal-ingaġġ" standard għandhom jiġu żviluppati u kkomunikati fuq bażi ta' sit b'sit. Dan għandu jsir mill-Organizzazzjoni tal-Immaniġġjar tad-Drittijiet Kollettivi (CRMO), bl-appoġġ tad-detenturi tad-drittijiet. Dan għandu jiġi adottat ukoll minn pjattaformi tal-VoD u tal-SVoD u minn servizzi tat-TV minn fuq l-Internet (*catch-up TV*) li jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-għażla meta jaċċettaw l-offerta tal-liċenzja, filwaqt li jiġu enfasizzati wkoll ir-riskji tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet P2P mhux awtorizzati.

22. Għal raġunijiet prattiċi, il-liċenzja għandha tkun fuq bażi ta' rata fissa, anki jekk din ġġib magħha inġustizzja bejn dawk li jikkondividu ħafna faljs u dawk li jikkondividu ftit. Rata kwantitattiva ma tkunx proporzjonali u l-ISPs m'għandhomx jiġu obbligati jissorveljaw il-kontenut imniżżel jew imtella'.

23. Id-differenzi fl-imġiba tal-konsumatur kif ukoll il-katini tal-valur jissuġġerixxu li għandhom jiġu kkunsidrati sistemi ta' rata fissa tal-kontenut differenti għax-xogħlijiet tal-mużika u dawk awdjoviżivi. Madankollu, minħabba l-kumplessità tal-proċessi tal-immaniġġjar involuti, ir-riskji ta' fehim ħażin u l-mala fede f'ċerti kategoriji tal-partijiet interessati u tal-konsumaturi, hija rrakkomandata rata fissa tal-kontenut limitat waħda biss li tkopri l-mużika u l-kontenut awdjoviżiv.

24. Din il-liċenzja għall-użu privat titħallas mill-konsumaturi fuq bażi volontarja lill-ISP u dan huwa identifikat b'mod ċar fit-termini kummerċjali offruti mill-ISPs. Din m'għandhiex tipprojbixxi lill-ISPs milli jistabbilixxu politika komprensiva għal 100% tal-konsumaturi privati tagħhom (suppost b'rata aħjar).

Infurzabilità:

25. Se jibqa' jkun hemm bżonn li jiġi infurzat il-perjodu inizjali tal-esklużività, partikolarment min-naħa tat-tlugħ. Iżda l-attenzjoni għandha tingħata għal min itella' l-fajls u mhux għal min iniżżilhom.

26. L-istejtus limitat mhux tas-suq tas-soluzzjoni għandu jiġi infurzat, u l-attivitajiet indiretti kollha bbażati fuq is-suq għandhom jiġu pprojbiti (ara l-każ tal-Pirate Bay) u għandhom jittellgħu l-qorti (fuq il-bażi tal-awtorizzazzjoni tal-ksur). Dan jgħin biex jiġi limitat l-użu tas-siti li mhumiex liċenzjati.

Amministrazzjoni*:*

27. It-trasparenza fl-amministrazzjoni hija fundamentali kemm għal dak li jirrigwarda l-interess tad-detenturi tad-drittijiet kif ukoll għal dak tal-konsumaturi.

28. L-organizzazzjonijiet b'katalogi estensivi għandhom jitħallew ikunu preżenti u jappoġġjaw is-sistema billi jittrasferixxu d-drittijiet tal-membri tagħhom lis-CRMO magħżula.

29. Ir-rata fissa tal-kontenut tinġabar mill-ISPs u (wara t-tnaqqis ta' kummissjoni, li għandu jiġi diskuss, għall-kompiti relatati mal-ġbir) tiġi ttrasferita lis-CRMO magħżula.

30. Il-kwistjoni biex tiġi stabbilita l-bażi għad-distribuzzjoni tad-dħul lid-detenturi tad-drittijiet hija waħda diffiċli u għandha tiġi diskussa mill-partijiet interessati sabiex jinkiseb kunsens.

31. Il-kwistjonijiet tal-kejl għandhom jiġu indirizzati fi stħarriġ ġdid sabiex tinstab l-aqwa soluzzjoni.

32. Jeħieġ li r-rati jiġu nnegozjati (b'xi forma ta' medjazzjoni) billi m'hemm ebda mod xjentifiku li bih jista' jiġi ddeterminat il-livell tagħhom. L-istimi tat-telf mill-piraterija mhumiex konklużivi filwaqt li l-esperjenza tas-suq tal-ISP hija aktar rilevanti.

L-għoti tal-prezzijiet:[10]

33. Il-prezz għandu jkun għoli biżżejjed biex jilħaq livell li joħloq valur addizzjonali u jipprovdi marġini suffiċjenti biex tinbena sistema amministrattiva li tiġbor u tiddistribwixxi d-dħul tar-rata fissa b'mod xieraq.

34. Il-prezz stabbilit għandu jkun għoli biżżejjed biex jiġu evitati effetti sekondarji negattivi bħall-migrazzjoni tal-konsumaturi mis-servizzi kummerċjali għas-sistema ta' rata fissa tal-kontenut.

35. Il-prezz għandu jiġbed lill-konsumaturi u jipperswadihom li verament ikollhom valur għal flushom (kwalità teknika, kondiviżjoni awtorizzata P2P ma' ċirku limitat ta' ħbieb, u ovvjament, għażla wiesgħa ta' kontenut disponibbli abbażi ta' offerti kummerċjali legali).

36. Sistema ta' rata fissa tal-kontenut jista' jkollha punt tal-prezz għall-konsumaturi fil-medda ta' bejn EUR 4 u EUR 6 fix-xahar, bil-VAT inkluż, għax-xogħlijiet awdjoviżivi. Iżda skont l-ipoteżi ddikjarata fil-kapitolu 4 ta' dan ir-rapport, jeħtieġ li ssir riċerka billi tintuża d-dejta disponibbli kollha sabiex jiġu ddeterminati l-punti tal-prezz xierqa.

37. EUR 4,99 fix-xahar jista' jkun punt ta' tluq attraenti sabiex jintlaħaq kunsens dwar il-prezz, li jkun aċċettabbli għall-partijiet interessati kollha.

Tqegħid fis-suq:

38. Il-konsumaturi għandhom jiġu infurmati b'mod ċar dwar id-destinazzjonali finali tal-ħlasijiet tagħhom (l-istess bħalma l-ekotaxxi jew l-ekokontribuzzjonijiet[11] illum huma identifikati u mmarkati b'mod ċar fil-prezzijiet ta' ammont li qed jikber ta' prodotti, partikolarment it-tagħmir tad-dar, il-prodotti elettroniċi, il-karozzi, eċċ.).

39. Dawn il-ħlasijiet se jagħtu sostenn lill-industriji u lill-komunitajiet kreattivi.

40. Billi jabbonaw għal liċenzja, il-konsumaturi se jkunu qed jagħtu sostenn lill-komunità kreattiva u mhux lill-pirati jew lill-attivitajiet illegali.

41. Għandha tibqa' ssir distinzjoni ċara bejn is-sistema ta' rata fissa tal-kontenut u s-sistema ta' ħlas għal kopja privata. Is-sistema ta' ħlas għal kopja privata għandha tiġi applikata biss għar-riproduzzjoni ta' xogħlijiet fuq mezzi fiżiċi (DVD).

---

[10] Ara l-Kapitolu 4, paragrafu 4.1.

[11] Dawn jikkorrispondu għall-ispiża tal-ġbir u r-riċiklaġġ tat-tagħmir elettriku u elettroniku mormi.

42. Il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni ċara ħafna dwar dak li huwa permess fis-sistema ta' rata fissa tal-kontenut. Għandhom isiru distinzjonijiet ċari bejn dak li huwa awtorizzat fi ħdan is-sistema u attivitajiet illegali oħra.

Rakkomandazzjonijiet tal-Politika Pubblika - Kummenti Preliminari

L-awturi ta' dan l-istudju huma konvinti li hemm riskju politiku sinifikanti marbut mal-proposta u l-promozzjoni tal-introduzzjoni ta' sistema ta' rata fissa tal-kontenut ġenerali, li potenzjalment tissostitwixxi ammont enormi ta' skambji medjati tas-suq, sal-punt li jiġi ostakolat il-ħolqien ta' servizzi medjati tas-suq ġodda - u dan mingħajr ma nsemmu l-qerda ta' valur estremament kbir.

Sistema ta' rata fissa tal-kontenut b'objettiv strettament limitat għandha tkun imfassla b'tali mod li jiġi evitat li jiġu mhedda l-libertajiet ċivili ta' ammont kbir ta' ċittadini, u l-ambitu tagħha għandu jkun limitat għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-objettiv (billi jiġi żgurat, pereżempju, li l-liċenzji jingħataw lill-konsumaturi u mhux lill-ISPs). Huma jemmnu wkoll li l-proposta kif spjegata dan l-istudju ma tikkostitwix il-qafas komplet, u li huma ppruvaw biss jidentifikaw dak li fil-fehma tagħhom huma l-kunsiderazzjonijiet ta' livell għoli għall-iżvilupp aktar komplet tal-qafas. Madankollu, huma fiduċjużi li l-istruttura tal-immaniġġjar proposta, ibbażata fuq immaniġġjar kollettiv estiż, hija l-anqas waħda kontestabbli fiċ-ċirkostanzi attwali.

Huma konxji tad-diffikultajiet reali (professjonali u kulturali) biex tinbena xi ħaġa li tkun tiffunzjona mingħajr ma jkun hemm għadd kbir wisq ta' konsegwenzi mhux maħsuba.

Finalment, huma jixtiequ jenfasizzaw li hemm bżonn viżjoni u direzzjoni politiċi sodi biex ikunu jistgħu jipproċedu b'dan l-approċċ minħabba li attwalment hemm nuqqas ta' kunsens, u l-kunsens huwa r-rekwiżit ewlieni għas-suċċess ta' tali proġett.

Din hija opportunità biex tinkiseb rebħa kbira fil-livell Ewropew għall-promozzjoni tal-kultura u tal-industriji tal-kultura, u li tista' terġa' tintuża għall-kontenuti diġitali l-oħra kollha.

Fattibilità politika

- Il-liċenzja tal-kontenut kreattiv mhijiex is-soluzzjoni għall-problemi kollha.
- Hija sistema ta' rata fissa tal-kontenut limitat li se toħloq valur għall-komunità kreattiva. Huwa ċar li l-objettiv ta' din l-iskema huwa li tnaqqas l-ambigwità bejn l-offerti legali u l-piraterija u li tiġbed lura miljuni ta' nies biex dawn jużaw prattiki leġittimi.
- Din il-liċenzja mhijiex se tkun tikkostitwixxi awtorizzazzjoni biex jittellgħu katalogi ta' xogħlijiet tal-mużika u awdjoviżivi, iżda se toffri lill-konsumaturi l-possibilità li jikkondividu b'mod leġittimu l-għażla personali tagħhom tal-kontenuti kreattivi li jkunu jixtiequ.
- Is-sistema ta' rata fissa tal-kontenut mhijiex mudell tan-negozju ġdid li se jissostitwixxi l-mudelli eżistenti. Hija skema kumplimentari li se toħloq valur addizzjonali għall-komunità kreattiva.
- L-awtoritajiet politiċi għandhom jiżguraw li l-pedament tal-politika pubblika ta' din is-sistema jkun il-loġika u l-kunsens. Tali politika tagħti attenzjoni kbira lill-ekonomija tal-

industriji kreattivi sabiex tiġi ppreservata l-kapaċità tal-produzzjoni għall-kontenut kulturali.

- Il-prattiki u l-istrutturi eżistenti għandhom jiġu adottati sabiex jiġi evitat li jerġa' jsir ix-xogħol li diġà sar. Abbażi ta' dan, l-immaniġġjar kollettiv estiż għandu jipprovdi l-mudell għall-amministrazzjoni tas-sistema.
- L-adozzjoni ta' approċċ tal-immaniġġjar kollettiv estiż għandha tipprovdi l-vantaġġi sinifikanti tal-bini tal-kunsens fost id-detenturi tad-drittijiet, l-implimentazzjoni pan-Ewropea, u b'hekk ikun hemm il-possibilità ta' liċenzjar multiterritorjali.
- Il-limitazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sistema għal organizzazzjoni tal-immaniġġjar tad-drittijiet kollettivi pan-Ewropea waħda tħares il-kompatibilità mal-ftehimiet internazzjonali u tevita d-duplikazzjoni tal-ispiża.
- Huwa importanti li titkompla l-ġlieda kontra l-forom kummerċjali tal-piraterija.
- Il-fatt li s-sistema ta' rata fissa tal-kontenut tiġi promossa fost il-konsumaturi bħala proposta volontarja, ikkumerċjalizzata bħala tali ("Valur għal flusi"), se tgħin biex turi x'inhu legali u x'mhux.

Fattibilità ekonomika

- Għandu jsir studju dettaljat ulterjuri tal-mudell tan-negozju li jindirizza l-kwistjonijiet tal-għoti tal-prezzijiet, l-ispejjeż tal-ġbir, l-ispejjeż tal-immaniġġjar, l-aċċessi għall-isfruttament, eċċ.
- Dan l-istħarriġ għandu jittratta wkoll il-kwistjoni tal-kriterji għad-distribuzzjoni tad-dħul, u din hija kwistjoni ċentrali biex id-detenturi tad-drittijiet importanti jiġu konvinti jittrasferixxu l-libreriji tagħhom lill-Organizzazzjoni tal-Immaniġġjar tad-Drittijiet Kollettivi proposta.
- Finalment, dan l-istħarriġ futur għandu jinvestiga wkoll il-bżonn ta' politika ta' ċertifikazzjoni jew ta' tikkettar[12] bħala għodda ġdida kontra l-piraterija u l-pjattaformi illegali.
- Il-promozzjoni tal-proġett sabiex jiġi żgurat li l-akbar numru ta' detenturi tad-drittijiet jittrasferixxu d-drittijiet tagħhom lill-organizzazzjoni tal-immaniġġjar tad-drittijiet kollettivi biex ikollhom l-aktar katalogi aġġornati, reċenti u diversi. Hija kwistjoni ċentrali li jiġi żgurat is-suċċess tar-rata fissa tal-kontenut fis-suq u fost il-professjonisti.

Bħala konklużjoni

Fuq in-naħa l-waħda, hemm detenturi tad-drittijiet li jistabbilixxu liċenzji għall-użi li mhumiex koperti mill-mudelli eżistenti tagħhom għall-isfruttament. Fuq in-naħa l-oħra, hemm konsumaturi li jabbonaw fuq bażi volontajra għal offerta leġittima, limitata għat-tniżżil u l-kondiviżjoni tal-fajls P2P.

Dan id-dħul mill-abbonament jittieħed mill-ISPs u jiġi ttrasferit lil organizzazzjoni tal-immaniġġjar tad-drittijiet kollettivi. Din tal-aħħar torganizza d-distribuzzjoni tad-dħul abbażi ta' formola li għad trid tiġi definita. Tista' tkun ibbażata fuq ir-riżultati tas-suq, bħal

[12] Din tista' tkun ibbażata fuq l-esperjenza tas-sistema ta' ċertifikazzjoni HADOPI għall-pjattaformi tal-mużika li tgħin lill-konsumatur jidentifika biċ-ċar l-offerta legali.

pereżempju l-indikaturi tal-bejgħ tad-DVDs jew tat-tniżżil tal-VoD, iżda, fi kwalunkwe każ, għandu jintlaħaq kunsens dwar dan.

Hemm diżakkoppjar bejn dawk li huma x-xogħlijiet effettivament kondiviżi mill-konsumaturi u dak li jitħallas għat-tniżżil u l-iskambju tagħhom. M'hemm ebda bżonn li jinkiser id-dritt ta' privatezza tal-konsumatur billi l-użu tax-xogħlijiet speċifiċi ma jiġix rintraċċat; is-sistema se tkun ibbażata fuq il-volum tax-xogħlijiet kondiviżi.

Il-piraterija għadha problema li għandha tiġi ttrattata.

Din is-sistema, kif ġiet proposta, se tkopri biss ix-xogħlijiet taċ-ċinema u dawk awdjoviżivi. Minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-settur tal-mużika, il-katina tal-valur differenti tiegħu, ix-xejriet tal-konsum differenti tiegħu u l-volumi involuti, huwa ma jaqax fl-ambitu ta' dak li ġie propost hawn. Sistema simili tista' taħdem għall-mużika iżda għandu jitwettaq studju tal-każ dettaljat dwar l-offerti eżistenti sabiex jinbena u jiġi rfinat mudell funzjonanti li jkun jista' jiġi vvalidat kemm mill-konsumaturi kif ukoll mid-detenturi tad-drittijiet. Madankollu, dan ix-xogħol jirrappreżenta sfida ħafna akbar minn dik involuta għat-trattament tax-xogħlijiet awdjoviżivi.

TAGĦRIF ĠENERALI

Dan l-istudju huwa r-risposta għax-xewqa espressa mill-Kumitat għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Parlament Ewropew li jiġi infurmat dwar kif rata fissa tal-kontenut tista', kemm minn perspettiva politika u ekonomika, tiġi implimentata fil-prattika fl-ambjent tal-iskambju tal-fajls.

L-istudju jipprovdi informazzjoni u analiżi dwar is-suġġetti li ġejjin:

- L-iżvilupp tas-swieq għall-prodotti u s-servizzi ta' divertiment tal-mużika u awdjoviżivi fl-aħħar 10 snin (L-ewwel parti tal-istudju);
- Xejriet u fenomeni tal-piraterija onlajn (It-tieni parti tal-istudju);
- L-objettivi ewlenin ta' approċċ tar-rata fissa tal-kontenut (It-tielet parti tal-istudju);
- Rata fissa tal-kontenut u xenarji alternattivi (Ir-raba' parti tal-istudju);
- Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet (Il-ħames parti tal-istudju).

L-ambitu tal-istudju

L-ambitu ġeografiku

L-istħarriġ ikopri l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropew. Barra minn hekk, diversi sistemi tal-pajjiżi terzi wkoll huma analizzati u użati bħala eżempji ta' prattika tajba (jew ħażina).

L-ambitu kronoloġiku tal-istudju

L-istudju jkopri l-aħħar għaxar snin (2001-2011) u jagħti informazzjoni dwar il-perspettivi futuri, fejn ikun disponibbli.

L-ambitu tas-settur tal-kontenut

F'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti, is-setturi kulturali li ġejjin huma koperti mill-istudju: iċ-ċinema, it-televiżjoni u l-mużika.
Fl-istudju, it-terminu awdjoviżiv jinkludi l-films ta' kull tip u l-aċċessi kollha: teatrali, vidjow, VoD, eċċ.

Metodoloġija

Għodod metodoloġiċi

Ir-riċerka kienet ibbażata prinċipalment fuq żewġ għodod ewlenin: riċerka sekondarja u intervisti (riċerka fil-post).

Għar-riċerka sekondarja ntużaw is-sorsi ewlenin, stampati u onlajn, li kienu disponibbli.

L-intervisti twettqu fl-Ewropa u lil hinn minnha, ma' wħud mill-aktar partijiet interessati rilevanti f'kull qasam. Is-sorsi u l-lista tal-intervisti huma mniżżla fl-appendiċi ta' dan l-istudju.

L-isfidi metodoloġiċi

Nuqqas ta' dejta statistika

Waħda mill-akbar problemi li qed jaffaċċjaw il-konsulenti u l-professjonisti inġenerali f'dan il-qasam hija n-nuqqas ġenerali, partikolarment fil-livell tal-UE, ta' dejta statistika disponibbli għal dan it-tip ta' studju. Huwa ċar li dan huwa l-każ, b'mod partikolari, għall-analiżi tal-volumi tal-piraterija jew għat-taxxa fuq ir-riproduzzjoni privata li teżisti biss f'25 Stat Membru tal-UE. Dan huwa l-każ ukoll għal dak li jirrigwarda l-informazzjoni ddettaljata, bħal pereżempju d-diviżjoni tal-fatturat tal-operaturi tat-telekomunikazzjoni bejn it-telefown, il-broadband u s-servizzi tal-kontenut (pereżempju abbonament għall-kanali tal-IP TV, il-VoD u l-SVoD) jew il-fatturat tad-diversi sussidjarji fil-gruppi tat-TV rispettivi. Dan in-nuqqas fl-għodda statistika, li l-pubblikazzjonijiet tal-Osservatorju Ewropew tal-Mezzi Awdjoviżivi ma jipprovdux għalih, għandu impatt sinifikanti fuq l-istabbiliment tal-mudelli tan-negozju u l-previżjonijiet tad-dejta li jkunu affidabbli.

Tħassib ta' natura politika

Storikament, is-settur awdjoviżiv u b'mod aktar ġenerali, l-industriji kreattivi, irnexxielhom sa ċertu punt jiġbdu l-attenzjoni tal-politikanti għat-talbiet u l-ħtiġijiet tagħhom. Matul dawn l-aħħar 10 snin, tfaċċaw partijiet interessati oħra u għamlu impatt fuq dan il-qasam. Dan kien il-każ tal-operaturi tat-telekomunikazzjoni u issa huwa l-każ tal-konsumaturi. L-analiżi tal-ktajjen tal-valur fl-istudju turi li, bl-aċċess tal-massa għal broadband tal-Internet b'veloċità għolja u l-ħolqien ta' netwerks soċjali, l-interessi tad-diversi parteċipanti fil-katina tal-valur differenti mhux dejjem jkunu jaqblu ma' xulxin. Għandhom jinstabu kompromessi fil-livell politiku għat-tfassil ta' risposti leġiżlattivi. Meta wieħed iżomm dan f'moħħu, tintwera l-ħtieġa ta' dan ix-xogħol ikkummissjonat mill-Parlament Ewropew biex jintlaħaq kunsens jew, tal-anqas, biex tinstab bażi komuni.

Multipliċità tal-partijiet interessati involuti

Id-diversità tal-partijiet interessati tikkaratterizza d-dimensjoni diġitali tas-settur awdjoviżivi kif ukoll dak tal-mużika. Il-mudelli u kanali tad-distribuzzjoni numerużi immultiplikaw in-numru ta' partijiet interessati involuti – minn oriġinaturi sa aggregaturi. Fl-istess ħin, l-operaturi tat-telekomunikazzjoni u, aktar reċentement, il-manufatturi tat-tagħmir involuti permess tal-Connected TV żviluppaw l-integrazzjoni tas-suq u l-istrateġiji ta' penetrazzjoni tagħhom stess. Jekk il-kontenut huwa r-re aktar minn qatt qabel, bil-kontroll tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tal-firxa ta' prodotti, il-katina tal-valur tradizzjonali qed tilqa' atturi ġodda li jikkompetu għal sehemhom mill-valur. Mudelli stabbiliti ta' distribuzzjoni u servizzi huma mhedda bil-kollass minħabba il-wasla ta' broadband b'veloċità għolja, formats diġitali u distribuzzjoni diġitali jew distribuzzjoni mifruxa fuq 360°. L-imġiba tal-konsumaturi jżid livell ieħor ta' kumplessità: sottotitoli magħmula mill-ammiraturi[13], kondiviżjoni tal-fajls P2P, skambji fin-netwerks soċjali u striming, dawn kollha jista' jkollhom effett fuq l-istrateġiji tal-isfruttament ta' kull kategorija ta' drittijiet, aċċessi u territorji.

[13] Il-prattika li l-konsumaturi jżidu s-sottotitoli.

Il-ħolqien ta' kwalunkwe sistema ta' rata fissa tal-kontenut għandu jieħu inkunsiderazzjoni dawn l-interessi diverġenti.

Żminijiet ta' skadenza

Skont it-termini tar-referenza, dan l-istudju kellu jitlesta fi żmien 4 xhur. Minħabba dan il-perjodu limitat, kien diffiċli li tinġabar informazzjoni eżawrjenti u li jiġu intervistati l-partijiet interessati kollha fis-setturi kollha u fl-Istati Membri kollha, u li ssir analiżi fil-fond ta' kwistjonijiet speċifiċi tal-mudell tan-negozju.

Valutazzjoni ġenerali

Dan huwa kompitu tqil għal diversi raġunijiet:

- Minħabba l-fatt li l-industrija tal-mużika globalment u fl-Ewropa b'mod partikolari tinsab fi kriżi qawwija u potenzjalment terminali, dan l-istudju huwa ta' importanza kritika;
- Bl-istess mod, minħabba r-reżistenza f'diversi oqsma, u għal bosta raġunijiet, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar ir-rispons gradwat, il-fehim dwar il-possibilitajiet u l-limitazzjonijiet tal-mudelli alternattivi huwa mixtieq ħafna;
- Hemm ammont kbir ħafna ta' dejta u opinjonijiet li jridu jiġu miġbura u pproċessati;
- Il-kisba ta' kontribut utli u oġġettiv mingħand id-detenturi tad-drittijiet u mingħand l-utenti tad-drittijiet hija sfida.

Dawn il-punti huma validi wkoll għas-settur awdjoviżiv. L-industriji kreattivi qed jiltaqgħu ma' trasformazzjoni fix-xejriet tal-konsum tal-konsumaturi tagħhom (il-mużika aktar mill-films) li saret possibbli permezz tal-istess tekonoloġiji li jiffaċilitaw il-piraterija: huwa diffiċli li dawn iż-żewġ fatturi jiġu separati, u lanqas huwa fl-interess immedjat tal-partijiet interessati differenti, billi dawn qed jitħabtu biex jakkwistaw il-pożizzjoni tagħhom f'din id-dinja ġdida.

L-istabbiliment ta' kwalunkwe tip ta' sistema ta' rata fissa tal-kontenut, ikun xi jkun l-ambitu tagħha, jinvolvi l-analiżi fil-fond tas-sistema tal-immaniġġjar kollettiv. L-istruttura tas-sistemi tal-immaniġġjar kollettiv fl-Ewropa tqajjem kwistjonijiet politiċi kontroversjali ħafna u bosta inċertezzi legali li għandhom ma ġewx solvuti fil-liġi tal-UE.